MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

Rikors Numru 1/2007

**Mary Cassar**
**(ID 844050M)**

**vs**

**Francis Cilia (437049M), Philip Cilia (83352M) u Joseph Cilia (629455M)**

Illum, 28 ta’ Ottubru 2015

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fil-11 ta’ Ottubru 2005 permezz ta’ Rikors Nru 11/2005 JC fejn ir-rikorrenti iddikjarat illi hija propretarja ta’ l-ghalqa ta’ cirka erbat elef u tnejn u tletin metru kwadru (4,032 mk) imsejha tax-Xaghara tat-Targa l-Hamra limiti tas-Salib ta’ l-Gholja, Siggiewi, liema ghalqa hija mqabbla lill-intimati versu l-qbiela ta’ ghaxar liri (Lm10) fis-seba.

Ir-rikorrenti sahqet illi l-intimati kienu abbandunaw l-ghalqa u jhalluha zdingata kif ukoll ma tinhadimx, u ghalhekk talbet lill-Bord jawtorizzaha tirriprendi l-art fuq imsemmija,

Ra illi permezz ta’ decizjoni tal-Bord mehudha fil 25 ta’ Settembru 2006, in vista tal-kontumacja ta’ l-intimati, inghatat sentenza fejn it-talba rikorrenti intlaqghet.

Ra illi, permezz tal-proceduri odjerni, l-intimati talbu lill-Bord sabiex jordna r-revoka tas-sentenza moghtija fil-25 ta’ Settembru 2006 kif ukoll sabiex jordna r-ritrattazzjoni ta’ l-istess kawza.

Ra id-decizjoni tal-Bord deciza fl-1 ta’ Dicembru 2008 fejn il-Bord iddikjara ruhu inkompetenti sabiex jisma u jiggudika dwar talbiet ghar-ritrattazzjoni u ghalhekk ddikjara ir-rikors ta’ l-intimati bhala null u bla effett.

Ra illi permezz ta’ decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell moghtija fis 27 ta’ Narzu 2009, id-decizjoni tal-Bord ta’ l-1 ta’ Dicembru 2008 giet revokata u l-atti gew rinvjati lura lill-Bord sabiex tiddeciedi l-meritu tar-ritrattazzjoni skond il-Ligi.

Ra illi fil 21 ta’ Frar 2013, il-Bord kif kompost laqa t-talba t-talba ta’ ritrattazzjoni u akkordat lill-intimati zmien sabiex jippresentaw in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom.

Ra ir-risposta ta’ l-intimati ippresentat fis 7 ta’ Marzu 2013 fejn eccepew illi ma kien minnu xejn illi kien abbandunaw l-art izda huma kienu dejjem qed jahdmu dik il-parti ta’ l-ghalqa illi tista tinhadem.

Sema x-xhieda ta’ **Mary Cassar** moghtija fil 25 ta’ Novembru 2013 kif ukoll rat it-tlett ritratti esebiti mill-istess rikorrenti u mehudha fis-sena 2008 mit-tifel taghha.

Ra illi fil 25 ta’ Novembru 2013 il-Bord iddikjara il-provi rikorrenti bhala maghluqa.

Sema x-xhieda ta’ **Francis Cilia** moghtija fit 28 ta’ Mejju 2014 kif ukoll ra id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Sema x-xhieda ta' **Philip Cilia** moghtija fit 2 ta’ Lulju 2014.

Sema x-xhieda ta' **Joseph Cilia** moghtija fit 3 ta' Dicembru 2014.

Sema il-kontro ezami ta’ Joseph Cilia illi sar fl-4 ta’ Frar 2015 u ra id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra illi l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw fl-4 ta’ Frar 2015.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis 27 ta’ MEjju 2015, wara liema data il-kawza thallet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Ghandu jigi osservat mill-Bord, l-ewwel u qabel kollox, illi dana il-Bord qieghed jiddeciedi l-meritu ta’ kawza illi kienet inbdiet originalment bhala Rikors 11/2005 izda, eventwalment, stante illi inghatat sentenza li sussegwentement sar ritrattazzjoni taghha u thassret, ir-rikors issa ghandu numru gdid, ossja 1/2007 – madanakollu, il-meritu huwa dak tar-rikors ippresentat fil 11 ta’ Ottubru 2005 fir-Rikors Nru 11/05.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi l-bazi tat-talba kollha tar-rikorrenti hija illi l-art kienet zdingata u abbandunata u biex tiggustifika tali talba, ir-rikorrenti tippresenta tlett ritratti li juri l-art fi stat niexfa.

Jirrizulta, mix-xhieda ta’ l-ahwa Cilia, illi l-art meritu tal-kawza odjerna hija art imtarrga, ta’ natura baghli, fejn parti mill-art ma hijiex utilizzabbli filwaqt illi parti mill-art hija regolarment utilizzata mill-ahwa Cilia, kif del resto wrew ir-ritratti esebiti mill-istess intimati.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi a differenza ta’ dak allegat mir-rikorrenti, l-art mhux talli ma hijiex abbandunata u zdingata, izda hija utilizzata b’mod regolari mill-intimati Cilia.

Jirrizulta wkoll, bl-aktar mod car, illi r-rikorrenti ma ghamlet ebda tentattiv sabiex tipprova l-kaz taghha, u ghajr ghall xhieda taghha ta' hames sentenzi u tlett ritratti bla data u mehudha certament fix-xhur tas-sajf, ma gabet ebda prova illi turi b'certezza illi fil-mument illi hija niedet il-proceduri originali, ossija fil 11 ta' Ottubru 2005, l-art kienet attwalment fi stat ta' abbandun u zdingata.

Ghalhekk, ir-rikorrenti naqqset milli tipprova l-kaz taghha.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra id-dokumentazzjoni kollha prodotta u x-xhieda imressqa quddiem il-Bord

Wara illi sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-kaz billi

Jilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u

Jichad it-talbiet attrici

Spejjez tal-proceduri kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**